**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Anthony Pandolfino**

**Illum, 10 ta' Marzu 2017,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Anthony Pandolfino,** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 579943M.

Akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Marzu 2017 u fix-xhur u snin ta' qabel;

Permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, bhala persuna f'Malta, ghamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa,

qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti ta' persuni ta' taht l-età *[Art 208A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (12-il xahar sa 5 snin)]*;

Aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghal wiri, f'post pubbliku jew f'post accessibli ghal pubbliku, immanufattura, stampa jew xort' ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le *[Art 208(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (6 xhur sa 12-il xahar u/jew multa minn €1,000 sa €3,000)]*;

Aktar talli fl-istess cirkustanzi akkwista, xjentament akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-età *[Art 208A (1B) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (0 sa 3 snin)]*;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidhrilha xieraq jghogobha tordna hrug ta' Ordni ta' Trattament skond l-Art 412 D tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba ukoll li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex jhallas

l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat u qieset il-provi kollha prodotti;

Semghet lill-Ispettur Joseph Busuttil ghall-Prosekuzzjoni jikkonferma l-akkuzi bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibu ħati u tikkundannah għal piena li tista’ tkun anke waħda karċerarja. Il-Qorti, wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa’ lura minnha, semgħet lill-imputat jikkonferma li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-imputat rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu, u ghalhekk din l-ammissjoni giet debitament registrata fil-verbal tal-lum stess fl-atti tal-kawza odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi stante l-ammissjoni kkonfermata mill-imputat, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u l-Qorti m'ghandha ebda ghazla hlief li ssib htija fl-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 208(1), 208A(1), 208A (1B) u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah kumplessivament hames snin prigunerija effettivi u multa ta' tlett'elef Ewro (€3,000). Il-Qorti qeghda ukoll tohrog fil-konfront tal-imputat Ordni ta' Trattament li, skont l-Artiklu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tibqa' fis-sehh ghal tlett snin u dan skont it-termini tad-digriet li qiegħed jiġi anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

ORDNI TA' TRATTAMENT

(MAGĦMUL SKONT L-ART. 412 D TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

Maġistrat: Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

**Illum, 10 ta' Marzu 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Anthony Pandolfino**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Anthony Pandolfino,** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 579943M, ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, il-Qorti

tista’ twaħħlu ammenda ta’ mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69);

Wara li l-ħati wera li jrid ihares il-kundizzjonijiet ta’ din l-Ordni ta’ Trattament;

Għalhekk, tordna li l-ħati **Anthony Pandolfino,** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 579943M, jitpoġġa taħt Ordni ta’ Trattament għall-perjodu ta’ tlett snin taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija:

1. It-Trattament ser ikun sabiex il-ħati jagħraf jegħleb diffikultajiet priskoloġiċi jew ta’ natura oħra li jidher maħkum minnhom billi jkun segwit minn persuna/i kwalifikata/i u dan skont kif l-Uffiċjal Sorveljanti hawn taħt maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħati u dan sabiex il-ħati jiġi analizzat u trattat għall-imġieba tiegħu relattiva ghan-natura tar-reati minnu kommessi.

   B’mod partikolari l-ħati għandu joqgħod għal dawk id-direttivi jew ordnijiet mogħtija lilu mill-Uffiċjal Sorveljanti fir-rigward ta’ kwalunkwe test jew analiżi li l-istess Uffiċjal iħoss li jkunu meħtieġa u kif ukoll li l-ħati għandu jsegwi u joqgħod għal dawk il-programmi jew trattamenti li l-istess Uffiċjal jista’ jippreskrivi lill-ħati minn żmien għal żmien.

2. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta’ Trattament, l-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom jista’ jiġi riferut minnu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

3. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

TORDNA li kopja ta’ din l-Ordni tingħata lill-hati, lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, lill-Ufficjal Inkarigat mill-Isptar Monte Carmeli u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

________________________________

(firma tal-persuna mqiegħda taħt l-Ordni ta’ Trattament)

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur